Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Frar 2023
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0164(COD)**

6426/23
ADD 2

CODEC 190
ECOFIN 147
UEM 32
FIN 215
COH 19
AGRI 64
AGRIFIN 20
AGRISTR 11
FORETS 12
PECHE 48
CLIMA 76
ENV 134
CADREFIN 21

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv<br>= Dikjarazzjonijiet |

**Dikjarazzjoni mill-Awstrija, Ċipru, id-Danimarka, l-Irlanda, il-Lussemburgu, in-Netherlands u s-Slovakkja**

Is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) hija strument ewlieni biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tagħna. Il-bejgħ ta' aktar kwoti permezz tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (MSR) biex jiġi rikostitwit il-Fond għall-Innovazzjoni huwa miżura straordinarja u ta' darba. Sabiex tiġi żgurata l-integrità tas-suq tal-ETS u ma jkunx hemm ir-riskju li tiddeterjora l-fiduċja fl-ETS, li kienet frott ħafna sforz, jenħtieġ li r-regolament ma jistabbilix preċedent li l-MSR tiffinanzja nfiq ġdid tal-UE.

**<u>Dikjarazzjoni mill-Bulgarija, il-Finlandja, Franza, il-Kroazja, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija,</u>**
**<u>is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Ungerija</u>**

Jenħtieġ li l-Kummissjoni, meta tivvaluta l-kapitoli REPowerEU, iżżomm ma' approċċ ta' newtralità teknoloġika. B'mod partikolari, b'konsistenza mat-test tar-regolament RePower, jenħtieġ li l-idroġenu mhux fossili ma jiġix diskriminat, billi fir-regolament jinsab fuq bażi ugwali mal-idroġenu rinnovabbli, u billi r-regolament jirrikonoxxi li: ***"jenħtieġ li jingħata appoġġ ukoll lir-riformi u l-investimenti li jżidu l-effiċjenza enerġetika, id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija – <u>inkluż bl-użu ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, bħall-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, l-użu tal-idroġenu rinnovabbli u fjuwils rinnovabbli oħra ta' oriġini mhux bijoloġika</u> – u [b'żieda fl-iffrankar] tal-enerġija tal-ekonomiji tal-Istati Membri f'konformità mal-miri u l-qafas legali [tal-Unjoni] dwar l-enerġija u l-klima."***

**<u>Dikjarazzjoni mill-Estonja</u>**

L-Estonja tappoġġa bis-sħiħ l-objettivi tal-inizjattiva RepowerEU biex titnaqqas malajr id-dipendenza tal-Unjoni Ewropea fuq il-fjuwils fossili, speċjalment l-importazzjonijiet mir-Russja, permezz ta' aktar iffrankar tal-enerġija, diversifikazzjoni fil-provvisti tal-enerġija, u introduzzjoni aċċellerata tal-enerġija rinnovabbli. Dan huwa meħtieġ biex l-ekonomija Ewropea tibqa' valida fil-futur u biex jiġi żgurat il-benesseri tal-poplu tagħha fuq terminu twil.

Madankollu, l-Estonja jiddispjaċiha li l-inizjattiva RepowerEU ser tiġi ffinanzjata parzjalment għad-detriment tal-kwoti tal-Istati Membri skont is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet. Dan ipoġġi l-ispiża tal-inizjattiva RepowerEU b'mod sproporzjonat fuq Stati Membri inqas għonja li jiddependu mill-fjuwils fossili, li jnaqqas l-impatt ta' RepowerEU. Barra minn hekk, l-Estonja għadha mħassba dwar l-effetti li l-konċentrazzjoni tal-kwoti fil-bidu jista' jkollha fuq is-suq tal-kwoti tal-ETS kif ukoll dwar l-effetti sekondarji possibbli fuq il-kapaċità tal-Istati Membri li jieħdu azzjoni fil-qasam tal-enerġija.

Jenħtieġ li ma jiġux ripetuti arranġamenti ta' finanzjament *ad hoc* bħal dawn għal azzjonijiet konġunti tal-UE li jwasslu, direttament jew indirettament, għal tnaqqis fil-kwoti tal-Istati Membri skont is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet.

Jenħtieġ li jiġi mfakkar li l-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għandu jkun ibbażat fuq id-deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji.